- *omnis labor optat premium*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 29 ta' Settembru 2022**

**Rikors Nru. 470/2019 GM**

**Jason Masini (K.1. 29672 G)**

**vs**

**Iċ-Chairman s-Sur Albert Marshall għan-nom u in rappreżentanza Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura; u**

**Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; u**

**Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; u**

**Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bħala Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary u in rappreżentanza tal-International Conferences 2015 u ċ-CHOGM Taskforce; u**

**Fondazzjoni Valletta 2018; u**

**Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija; u**

**Il-Ministru tal-Finanzi għal kull interess li jista' jkollu; u**

**Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi**

**għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Jason Masini li permezz tiegħu wara li ppremetta illi:

1. Kien jaħdem bħala Lecturer ġewwa l-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija.

2. B'effett mill-1 ta' Settembru 2013 ir-rikorrenti kien trasferit mill-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija għal pożizzjoni bl-istess grad mal-Kunsill Malti għal Kultura u l-Arti.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2013, ir-rikorrenti kien qiegħed jirċievi s-salarju tiegħu mingħand l-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija.

4. Oltre għax-xogħol li għamel għal Kunsill Malti għal kultura u l-arti, r-rikorrenti ġie mitlub jagħmel xogħol u għamel xogħol kemm b'rabta maċ-CHOGM, kif ukoll b'rabta mal-Fondazzjoni Valletta 2018 u tiegħu baqa' ma tħallasx.

5. Mill-1 ta' Jannar 20l4 sat- 30 Settembru 2017 ir-rikorrenti la qatt irċieva s-salarju tiegħu u lanqas l-allowances dovuti lilu.

6. L-ammont ta' salarju u allowances dovuti lill-rikorrenti għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017 jammonta għal mija u erbatax il-elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50ċ).

7. Għalhekk l-intimati jew min minnhom, għandhom jħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' mija u erbatax il-elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50ċ).

8. Minkejja li r-rikorrenti interpella lill-intimati sabiex jħallsu l-ammont dovut huma baqgħu inadempjenti u għaldaqstant l-intimati huma debituri tar-rikorenti fis-somma ta' mija u erbatax-il elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50ċ).

9. Għalkemm l-intimati kienu interpellati mir-rikorrenti sabiex jħallsuħ l-pagamenti dovuti lilu madanakollu huma baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti għandu jitħallas is-somma ta' mija u erbatax-il elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50ċ) mingħand l-intimati jew min minnhom rappreżentanti salarji u allowances dovuti lill-istess rikorrenti għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 20l4 u l-20 ta' Settembru 2017 .

2. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u erbatax il-elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50ċ).

3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' mija u erbatax-il elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€114,827.50ċ).

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Catherine Tabone in rappreżentanza tal-Fondazzjoni Valletta li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. L-esponenti tgħid li l-allegazzjonijiet ta' Jason Masini huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk it-talbiet tiegħu fil-konfront tal-Fondazzjoni Valletta 2018 għandhom jiġu miċħuda bil-qawwa;

2. Għalkemm huwa minnu li bejn l-2016 u 2017 ir-rikorrent ha sehem f'xi proġetti organizzati mill-Fondazzjoni Valletta 2018, l-esponent dejjem ħallas lir-rikorrent għal dawn il-proġetti u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' din il-kawża.

3. L-ispejjeż tal-kawża ma għandhiex teħilhom l-esponenti.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Joachim James Calleja għan-nom u in rappreżentanza tal-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. In linea preliminari, il-Kulleġġ esponent mhuwiex il-leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u għalhekk għandu jiġi liberat mill-obbliġu tal-ħlas ta' kwalunkwe spejjeż u dana stante li kif jidher ampjament ċar mir-rikors ġuramentat promotur innifsu l-esponent ċertament li ma kienx responsabbli sabiex iwettaq ħlas ta' paga fil-konfront tar-rikorreirti u dana minħabba l-fatt li fil-perjodu ta' żmien li dwaru qiegħda ssir l-kawża odjema, huwa ċar minn kliem ir-rikorrenti stess li 1-istess rikorrenti ma wettaq ebda servizz jew impjieg fi ħdan il-Kulleġġ esponent:

2. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u wkoll in linea preliminari, parti mill-azzjoni hekk kif dedotta mir-rikorrenti fir-rikors promotur tiegħu hija preskritta ai tennini tal-artikolu 2147(a) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, u fil-mertu, kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża, it-talbiet rikorrenti fil-konfiont tal-Kulleġġ esponent huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra 1-istess rikorrenti stante:

4. Għalkemm ir-rikorenti formalment għadu impjegat tal-Kulleġġ esponent ma wettaq l-ebda xogħol u ma ta l-ebda servizz ġewwa l-Kulleġġ minn Settembru tal-2013, meta (kif qiegħed jingħad mir-rikorrenti stess fir-rikors ġuramentat promotur) huwa ġie trasferit mal-Kunsill Malti għal Kultura u l-Arti, sal-lum;

4. B'ordni tas-Segretarju Permanenti responsabbli mill-Edukazzjoni fl-2013 (ara Dok A), il-Kulleġġ baqa’ jħallas lill-istess rikorrenti l-paga kollha dovuta lilu sal-aħħar ta' Diċembru 2013 – hekk kif ikkonfermat mir-rikorrenti stess fir-rikors tiegħu, kif ukoll kif jidher mill-payslip maħruġa mill-istess Kulleġġ li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument JC1;

6 Wara dakinhar, kien biss fit-28 ta' Novembru tas-sena 2017 li r-rikorrenti talab li jerġa’ jieħu postu u jassumi r-responsabbiltajiet tiegħu ġewwa l-Kulleġġ esponent, liema korrispondenza (li qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument JC2) ġiet imwieġba permezz ta' ittra datata 11 ta' Diċembru 2017 (liema ittra qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument JC3), mill-Prinċipal u l-Kap Eżekuttiv tal-Kulleġġ ta' dak iż-żmien li rrifjuta t-talba tal-istess rikorrenti minħabba li kien hemm proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tiegħu, liema proċeduri kriminali għadhom pendenti sal-lum.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ta'

Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bħala *Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary* u in rappreżentanza tal-*International Conferences 2015* u ċ-CHOGM Taskforce, tal-Ministru tal-Finanzi u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi li permezz tagħha eċċepew illi :

1. In linea preliminari, kwalunkwe salarji li jistgħu jkunu dovuti huma preskritti u dan ai termini tal-artikolu 2148(d) li jipprovdi li l-azzjonijiet ta' persuni għall-ħlas tas-salarju tagħhom jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' tmintax-il xahar;

2. In linea preliminari wkoll, u mingħajr preġudizzju, il-Ministru għall-Ġustizzja Kultura u Gvern Lokali mhux il-leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri stante li skont l-artikolu 1818(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;

3. In linea preliminari wkoll, la Ministru tal-Finanzi u lanqas is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi ma huma l-leġittimi kontradittguri f'dawn il-proċeduri għaliex ir-rikorrent ma kien qatt impjegat mal-Ministeru tal-Finanzi u ma tirriżulta l-ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u tali Ministeru;

4. In linea preliminari wkoll, l-esponent Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bħala Principal Permanent Secretary u Cabinet Secretary, mhux il-leġittimu kuntradittur f' dawn il-proċeduri;

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, għal dak li jirrigwarda l-mertu, l-esponenti jisħqu li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll qed jikkontestaw bil-qawwa t-talbiet tiegħu;

6. Għal dak li jirrigwarda l-fatti, l-esponenti mhux qed jikkontestaw l-ewwel tliet paragrafi tar-rikors guramentat tar-rikorrent;

7. Dejjem mingħajr preġudizzju għall-paragrafi preċedenti, għal dak li jirrigwarda allegat xogħol b'rabta maċ-CHOGM, jekk ir-rikorrent verament għamel xi xogħol f'dawk il-ftit jiem li kien assenjat magħhom, għandu jġib prova ta' dan;

8. Bħal dejjem, min jallega jrid jipprova u dan in linea mal-prinċipju stabbilit f'diversi sentenzi fosthom dik ta' Nancy Caruana vs Odette Camilleri deċiżi nhar it-13 ta' Frar 2001 fejn intqal li: "Il-piż tal-prova ta' dak li hemm allegat fiċ-ċitazzjoni jinkombi fuq l-atturi li qegħdin jagħmlu l-imsemmija allegazzjoni u dana in bażi għall-pinċipju legali *ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat.*

Rat ir-Risposta Ġuramentata taċ-Chairman s-Sur Albert Marshall għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura li permezz tagħha eċċepixxa illi :

1. Filwaqt illi l-esponent jikkonferma illi r-rikorrenti huwa dovut somma rappreżentanti f'salarju u allowances, l-istess jiddikjara illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotur huwa skorrett u eċċessiv u dan kif ser jiġi ppruvat tul il-kawża;

2. In vista tas-suespost, l-esponent qed jirrespingi l-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti in kwantu għal dak l-ammont li jmur oltre dak li huwa filfatt dovut;

3. Għaldaqstant, l-istess ammont għandu jiġi rivedut sabiex jirrispekkja l-fatti mertu ta' din il-kawża.

4. In vista ta' dan, jispetta lir-rikorrenti jġib prova tal-allegazzjonijiet u t-talbiet tiegħu dwar l-ammont pretiż minnu.

Rat l-atti tal-kawża.

Qrat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

***Sfond fattwali*:**

L-attur kien *lecturer* mal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) fl-Istitut tal-Inġinerija sa mis-sena 2001 fuq bażi *full time* u kien jagħmel xi xogħol ta' konsulenza teknika mal-Kunsill Malti tal-Arti fuq bazi *part-time*. L-attur qed jitlob ħlas ta' salarju tiegħu mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017 għall-ammont globali ta' €114,827.50,[1] mingħand diversi entitajiet governattivi li jsostni

[1] Dok JMX6 a fol 275

li ħadem għalihom f'dan iż-żmien.  Mill-provi esebiti jidher li l-fatti seħħew, bil-mod kronoloġiku li ġej:

***Xogħol mal-Kunsill Malti għall-Arti:***

F'Ġunju 2013 is-Sur Albert Marshall, *chairman* tal-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti talab lill-MCAST sabiex l-attur **jiġi ssekondat mal-Kunsill tal-Arti.**[2] Dan seħħ b'effett mill-1 ta' Settembru 2013. Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija iżda aċċetta li jkopri s-salarju tal-attur sal-aħħar ta' Diċembru 2013.[3] Is-Sur Marshall kellu bżonn persuna li setgħet tamministra s-sit 'Pjazza Teatru Rjal' ('It-Teatru l-Imwaqqa'') minħabba riġenerazzjoni kulturali ta' dan is-sit. Peress li diġa` kien ħadem mal-attur fil-passat, deherlu li hu kien il-persuna tajba għal dan ix-xogħol.

Ix-xogħol tal-attur kien bħala *technician* ma' Pjazza Tejatru Rjal taħt il-kappa tal-Arts Council Malta. L-attur preżenta xi ritratti biex juri dan.[4] Ipproduċa diversi xhieda li kkonfermaw li kien jaħdem sigħat twal għaliex ma kienx hemm biżżejjed impjegati miegħu.[5] Is-salarju tal-attur kellu joħroġ min-naħa tal-Ministeru tal-Kultura[6] mis-sena 2014 sa nofs is-sena 2015.[7] F'nofs is-sena 2015 s-salarju kellu joħroġ mill-Kunsill Malti għall-Arti.[8]

Skont is-Sur Marshall, jidher li qatt ma sar kuntratt formali għall-impjieg tal-attur minħabba burokrazija u għalhekk ma setgħux jinħarġu pagamenti għas-salarju tal-attur.

---

[2] Dok A a fol 77
[3] Dok B a fol 78
[4] Dok MJX a fol 264
[5] Ara xhieda ta' Charles Gatt a fol 133
[6] Ara xhieda ta' Johann Galea a Fol 107
[7] Ara xhieda ta' Johann Galea a fol 163
[8] Ibid

Skont Johann Galea li kien *Director Corporate Affairs* tal-Art Council Malta l-attur qatt ma tniżżel bħala parti mill-*staff list* tal-Arts Council Malta. Skontu, l-attur ma kienx issekondat imma kien *on loan* u dejjem kellu l-opzjoni li jmur lura l-MCAST u għalhekk dejjem baqa' impjegat tal-MCAST.[9]

Kif wieħed jistenna mingħand persuna li tkun qiegħdha taħdem iżda ma tirċivix paga, l-attur għamel diversi tentattivi sabiex jibda jitħallas. Esebixxa korrispondenza ta' Frar 2014 li permezz tagħha kkuntattja lil diversi persuni kkonċernati dwar il-ħlas tas-salarju tiegħu sabiex jinforma ruħu dwar meta se jitħallas iżda kien dejjem jiġi mgħarraf li l-kuntratt tax-xogħol tiegħu mhuwiex lest.[10] F'Marzu 2014 saret *reshuffle* tal-Kabinett u għaldaqstant inbiddlu n-nies li magħhom l-attur kien ikkomunika dwar il-ħruġ tas-salarju tiegħu. Fid-9 ta' Settembru 2014 – Stephen Cachia mill-MCAST informa b'email lis-Sur Albert Marshall illi minn Jannar 2014 is-salarju tal-attur kellu jkoprih il-Kunsill Malti tal-Arti. Għalhekk is-Sur Marshall ta struzzjonijiet sabiex jinħareġ is-salarju tal-attur b'lura, minn Jannar 2014.[11] L-attur esebixxa korrispondenza bejnu u s-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali datata 29 u 30 ta' Jannar 2015 sabiex ikun hemm laqgħa dwar is-salarju tiegħu.[12] Fis-26 ta' Marzu 2015 l-attur ġie mgħarraf li l-laqgħa li kien se jkollu mas-Segretarju Permanenti kellha ssir ma' ċertu Mario Azzopardi.[13] Is-Sur Azzopardi kien id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali. Fit-22 ta' Mejju 2015 Mario Azzopardi talab informazzjoni mingħand l-MCAST dwar x'kien is-salarju tal-attur[14] u sussegwentament ta struzzjonijiet sabiex l-attur jitħallas €24,556.46 għas-sena 2014 u €7,701.13 għall-ewwel xhur tas-sena 2015.

---

[9] Ibid fol 172
[10] Ara affidavit tal-attur a fol 72
[11] Dok C a fol 79
[12] Dok D a fol 80
[13] Fol 81
[14] Dok E a fol 83

Kellhom jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurta` Soċjali minn dawn l-ammonti.[15] Dawn is-salarji kellhom joħorġu mill-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali.

Skont l-imsemmi Albert Marshall, l-ahhar gurnata xogħol ta' Jason Masini mal-Kunsill Malti għall-Arti kienet fis-17 ta' Gunju 2015 u għalhekk l-ammont dovut lil Jason Masini mill-Kunsill Malti għall-Arti, dejjem skont l-istess Albert Marshall huwa l-ammont ta' €37,000 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u s-17 ta' Gunju 2015.[16]

Fix-xhieda tiegħu s-Sur Gilmore Mercieca[17] ddikjara li huwa kien qiegħed jirrapprezenta lil Arts Council Malta; li skont il-kalkoli tal-Art Council Malta, l-ammont dovut għas-salarju ta' Jason Masini huwa ta' sitta u tletin elf, mija u tnejn u tmenin ewro u għoxrin centezmi (€36,182.20). Huwa jsostni li Jason Masini qatt ma tħallas il-paga dovuta lilu minhabba l-fatt illi huwa qatt ma kellu kuntratt ta' impjieg u għaldaqstant ma setax jitħallas is-salarju tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu s-Sur Charles Gatt[18] iddikjara li huwa kien ic-Chairman tal-Board tal-Pjazza Teatru Rjal u dan minn Mejju 2013. Ikkonferma li meta bdew fl-2013, Jason Masini kien diġa hemm u kien jieħu ħsieb kollox hu, waħdu. Kull ma kellu jgħinuh kienu xi żewġ *part timers* u bdew kważi mix-xejn. Imma minkejja dan kien ikollhom ħafna attivitajiet. Jiftakar lil Jason Masini jieħu ħsieb kollox hu. Jiddikjara li Jason Masini kien jibqa' xogħol sal-erbgħa ta' filgħodu biex iżarma s-sett għax l-għada kien ikollhom xi attivita` oħra u dan matul il-ġimgħa kollha,

---

[15] Fol 84

[16] Ix-xhieda ta' Albert Marshall (fol 141 sa fol 152) u l-affidavit ta' Albert Marshall (fol 302 sa fol 310).

[17] fol 229 sa fol 232

[18] Fol 133 sa 140

kuljum inkluż kull nhar ta' Sibt u kull nhar ta' Ħadd. Ikkonferma li Jason Masini kien infurmah li huwa ma kienx qiegħed jirċievi l-paga dovuta lilu.

Is-Sur Johann Galea[19] jiddikjara li fis-sena elfejn u erbatax huwa kien jokkupa l-pozizzjoni ta' Director Corporate Affairs tal-Arts Council Malta. Huwa ddikjara li s-Sur Jason Masini ma nħarġitlu l-ebda paga mill-Arts Council Malta. Huwa jispjega kif Jason Masini kien jaħdem mal-MCAST u minkejja li fl-opinjoni tiegħu minflok *seconded* kien imissha ntużat l-kelma *redeployment* madanakollu Jason Masini fil-fatt ġie *seconded* mal-Kunsill Malti għal Arti. Jammetti illi s-Sur Jason Masini kellu almenu jitħallas il-paga ekwivalenti tal-paga li kellu mal-MCAST. Jammetti li l-Kunsill Malti għall-Arti huwa debitur ta' Jason Masini f'pagi mhux imħallsa, madanakollu l-istess Kunsill Malti għall-Arti ma kienx lest li almenu jħallas l-ammont li skont il-Kunsill Malti għall-Arti huwa dovut lil Jason Masini, jekk l-istess Jason Masini ma jċedix il-kawża.

***Xogħol maċ-CHOGM:***

Jispjega kif eventwalment fuq struzzjonijiet tas-Sur Albert Marshall huwa beda jaħdem maċ-CHOGM. Jispjega kif anke s-sinjura Phyllis Muscat kienet infurmatu li huwa kien sejjer jibda jaħdem maċ-CHOGM. Jispjega wkoll kif kienu anke tawh email tal-Gvern li naturalment ma fadallux access għalih. Huwa esebixxa DOK JMX 1 (Fol 265 sa fol 267) u JMX 2 (fol 268 sa fol 271) fejn permezz ta' email huwa qiegħed jitlob lis-Sur Dalli, l-accountant tac-CHOGM sabiex ic-CHOGM

[19] Folo 104 sa 123 u Fol 158 sa 187.

tħallas għal xi supplies li kienu nxtraw. Fl-*email account* tas-Sur Paul Dalli hemm indikat b'mod car li s-Sur Dalli huwa l-Head of Finance, HR & Training, CHOGM 2015 Taskforce u li huwa kien qiegħed jopera mill-uffiċċju taċ-CHOGM u ċjoe` minn Notre Dame Gate, St. Calcedonius, Square Floriana. Jispjega kif huwa kien jaħdem tmien sigħat kuljum gewwa l-ufficcju tac-CHOGM fejn anke kellu d-desk tiegħu.

Fix-xhieda tagħha Phyllis Muscat[20] issostni li la Jason Masini ma kellux kuntratt allura ma kienx impjegat tac-CHOGM. Fix-xhieda tagħha Jessica Abela[21] ssostni li fl-14 ta' Lulju fl-2015 kien bagħat Paul Dalli korrispondenza sabiex isir kuntratt għan-nom ta' Jason Masini iżda fit-18 ta' Lulju 2015 din ir-rikjesta giet irtirata. Għalhekk la sar kuntratt ta' impjieg, u hlasijiet lil Jason Masini qatt ma saru.

Jason Masini jallega li maċ-CHOGM dam impjegat għal ftit gimgħat biss. B'xhieda ta' dan ipprezenta email[22] li huwa bagħat lil Paul Dalli l-Head of Finance tac-CHOGM 2015 TASKFORCE, sabiex jithallsu xi *invoices*, waħda minnhom indirizzata *CHOGM Malta, Jason Masini, Notredame Gate*, *St. Calcedonius Square, Floriana.*

***Xogħol mal-V18:***

[20] Fol 246 sa fol 248

[21] Fol 341 sa 344

[22] DOK MJX1 u DOK JMX 2 - fol 265 sa fol 269

Fix-xhieda tiegħu Jason Micallef[23] jiddikjara li Jason Masini għamel xi xogħol żgħir lill-Fondazzjoni Valletta 2018 u tagħhom tħallas. Jason Griscti[24] jiddikjara li Jason Masini ma kienx imdahhal fis-sistema tal-payroll u ma kienx fuq il-lista tal-haddiema għax ma kienx rregistrat mal-JobsPlus u Catherine Tabone[25] issostni li għaliex ma saritx il-proċedura li kellha ssir allura Jason Masini ma jistax ikun li kien impjegat mal-Fondazzjoni Valletta 2018.

Madanakollu fix-xhieda tiegħu[26] Mario Philip Azzopardi jiddikjara li bejn is-sena 2015 u s-sena 2018 huwa kien *artistic director* tal-Valletta 18. Jiddikjara wkoll li meta huwa rraporta għax xogħol huwa kien sab li Jason Masini kien diga` qiegħed jaħdem mal-Fondazzjoni Valletta 2018. Jikkonferma wkoll li Jason Masini kien jaħdem fl-ufficcju kien qiegħed jagħmel affarijiet ta' organizzazzjoni. Jikkonferma wkoll li Jason Masini kien involut fil-produzzjoni tal-Pageant of the Seas.

Għalhekk il-verzjoni ta' Jason Masini u ċjoe` li huwa kien impjegat mal-Fondazzjoni Valletta 2018 ġiet ikkonfermata minn Mario Azzopardi stess - l-Artistic Director tal-Valletta 18.

Fl-24.05.2016 il-President tal-MUT għarraf lill-attur li l-MCAST kienu sejrin jitterminawlu l-impjieg. Il-President kiteb lill-Ministri kkonċernati li l-attur kien ilu jirċievi salarju minn Jannar 2014. Fil-25.05.2016 l-attur għarraf lill-prinċipal tal-MCAST li kien qiegħed jirrapporta għax-xogħol mal-V18 u dan fuq

[23] Fol 245.

[24] Fol 352 sa fol 355.

[25] Fol 311 sa fol 324.

[26] Fol 201 sa fol 206.

struzzjonijiet tas-Sur Albert Marshall. Jason Micallef informa lill-attur li ma kien hemm l-ebda problema u li l-impjieg tiegħu ma kienx sejjer jiġi tterminat.

Jidher li l-attur temm ix-xogħol mal-V18 fit-30 ta' Settembru 2017.

Ikkunsidrat:

***Omnis labor optat premium:***

Minhabba burokrazija ma tispiċċa qatt, minħabba li diversi dipartimenti u entitajiet ma ridux ihallsu dak li bid-dritt huwa dovut lilu dawruh bħal ċippitatu minn dipartiment għal ieħor, minn entita' għal oħra, b'diversi individwi li minflok ma ffukaw sabiex Jason Masini jitħallas il-paga dovuta lilu raw kif farfru mir-responsabilta` u waddbuha fuq ħaddieħor u konsegwentament Jason Masini għadu qiegħed jistenna li jitħallas il-paga dovuta lilu mill-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017. B'danakollu ħadd u xejn ma jista' jxejjen il-prinċipju antikissimu u aċċettat minn kulħadd li kull xogħol ħaqqu jiġi kkumpensat.

***Eccezzjonijiet:***

Il-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija eċċepixxa li mhuwiex leġittimu kontradittur u li, bla preġudizzju għal dan, parti mit-talba hi preskritta skont Art. 2147(a). Jirriżulta li tassew mhuwiex leġittimu kontradittur għaliex fil-perjodu in kwistjoni ma kienx marbut iħallas salarju lill-attur, għajr sal-aħħar tas-sena 2013; liema salarju jidher li tħallas. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma tistax tieħu qies tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minn dan il-konvenut.

Il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura ammetta li għandu jħallas lill-attur tax-xogħol li għamel miegħu iżda sostna li l-ammont mitlub kien esaġerat. Ma jgħidx iżda l-esaġerazzjoni fiex kienet tikkonsisti.

Il-Ministru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, ta' Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bhala Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary u in rapprezentanza tal-International Conferences 2015 u c-CHOGM Taskforce, tal-Ministru tal-Finanzi u tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi eccepew:

Il-preskrizzjoni ta' 18-il xahar skont *l-artikolu 2148 (d) tal-Kodiċi Ċivili.*

*Il-Ministeru għall-Gustizzja Kultura u Gvern Lokali mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li skont l-artikolu 181B (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Gvern għandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni;*

*La l-Ministru tal-Finanzi u lanqas is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi ma huma l-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri għaliex ir-rikorrent ma kien qatt impjegat mal-Ministeru tal-Finanzi u ma tirrizulta l-ebda relazzjoni bejn ir-rikorrenti u tali Ministeru.*

*L-esponenti Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bhala Pricipal Permenent Secretary u Cabinet Secretary, mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri;*

*Għal dak li jirrigwarda l-mertu, l-esponenti jishqu li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll qed jikkontestaw bil-qawwa t-talbiet tiegħu;*

Il-Qorti tillibera lill-Ministru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali; lil Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bhala Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary; lill-Ministru tal-Finanzi u lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju billi *ex-artikolu 181B (1) tal-Kap 12* jirrispondi għat-talbiet is-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja u mhux il-Ministru tiegħu; filwaqt li l-konvenuti l-oħrajn ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-attur.

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx segwita l-proċedura voluta mill-Art. 2160 tal-istess Kodiċi u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi milqugħa. Kif qalet din il-Qorti diversament ippreseduta:

> "19. Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eccezzjoni taht artiklu 2156(f)u (d) tal-Kodici Civili ma tirnexxix ghas-semplici raguni li jkunu ghaddew hames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d)u (f) tal-Kodici Civili huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili.
>
> "20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur.
>
> -omissis
>
> "21. Minkejja t-tibdil fil-ligi kif fuq inghad, dawn iz-zewg formuli ta' gurament xorta baqghu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eccezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, minghajr ma tuza t-test li trid il-ligi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eccezzjoni. Ma hux kompitu tal-Konvenut li jasal ghall-konkluzjonijiet legali. Il-kompitu tieghu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. Il-Konvenut imkien ma jghid, l-anqas in kontro ezami, testwalment, dak li jrid l-artiklu 2160 tal-Kodici Civili". [27]

[27] P & S Ltd v Noel Zammit 16.02.2018 Prim'Awla, Onor. Imħ. Toni Abela.

Barra minn hekk, il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura ammetta li għandu jagħti, anke jekk mhux fl-ammont mitlub mill-attur.

Il-konvenuta Fondazzjoni Valletta 18 essenzjalment laqgħet għall-pretenzjoni tal-attur billi sostniet li l-attur ma kienx impjegat magħha imma għamel xi xogħlijiet li għalihom tħallas. Mill-provi akkwiżiti iżda jirriżulta li tassew l-attur irrenda xi servizzi li tħallas tagħhom, iżda kien ukoll jagħmel xogħol regolari.

L-attur ikkomputa l-ammont dovut lilu skont il-kundizzjonijiet tal-MCAST mingħajr ma ħa kont tal-ħinijiet twal li kien jagħmel fuq il-post tax-xogħol u għalhekk il-Qorti ma ssibx li l-ammont li qiegħed jitlob huwa esaġerat, kif isostnu l-konvenuti.

***Likwidazzjoni:***

Permezz ta' DOK JMX 6[28], Jason Masini jagħmel *breakdown* tal-perjodu u tal-ammont li huwa qiegħed jitlob li permezz tiegħu wieħed jista' faċilment jifhem kif Jason Masini wasal għaċ-ċifra ta' mija u erbatax il-elf ewro u tmien mija u sebgħa u għoxrin ewro u hamsin centezmu (€114,827.50c) u kif dan l-ammont huwa verament dovut lilu. Mexa għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 sat-30 ta' Settembru 2017 skont is-salarju li huwa kellu u li kien se jircievi f'dan l-istess perjodu mingħand l-MCAST. Ħaġa din wisq raġonevoli.

[28] Fol 275.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili.
2. Teħles lill-Ministru għall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali; lil Mario Cutajar fil-vesti tiegħu bhala Principal Permanent Secretary and Cabinet Secretary; lill-Ministru tal-Finanzi u lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi mill-osservanza tal-ġudizzju.
3. Tilqa' in parte l-ewwel talba u t-tieni talba billi tiddikjara li l-attur għandu jithallas is-somma ta' €114,579.76c kwantu għas-somma ta' €44,792 mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti u l-Kultura; €2,516 mingħand Mario Cutajar in rapprezentanza tal-International Conferences 2015 u c-CHOGM Taskforce; u €67,272 mingħand il-Fondazzjoni Valletta 2018 rapprezentanti salarji u allowances dovuti lill-istess rikorrenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-20 ta' Settembru 2017.
4. Tilqa' t-tielet talba, billi tikkundanna lill-konvenuti imsemmija fit-tielet paragrafu supra sabiex ihallsu lill-attur is-somom rispettivi hekk likwidati.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra ufficjali numru 4273/2017 a kariku tal-konvenuti kull wieħed a proporzjon tas-somma li għandu jħallas.

Bl-imgħax legali ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sal-eventwali ħlas effettiv.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA